**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 242/18 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-17 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar il-25 t'Awissu, 1988 hekk kif jixhed ic-certifikat taz-zwieg mal-prezenti anness u mmarkat Dokument A.
2. Illi miz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom tlettitfal, illum ukoll maggorenni, dan kif jixhdu c-certifikati tat-twelid relattivi, mal-prezenti annessi u mmarkati Dok.B, Dok.C u Dok.D rispettivament.
3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, lura fis-sena 2005 hekk kif tixhed il-vera kopja tal-kuntratt, mal-prezenti annessa u mmarkata bhala Dok. E.

4. Illi ai finijiet tas-subartikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi ddikjarat li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ghalhekk dan ir-rekwizit huwa sodisfatt.
5. Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigward mantimanteniment, bejn il-kontendenti, la fil-konfront ta' xulxin u la fil-konfront ta' xi had minn uliedhom.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond Artikolu 66B tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejnil-partijietai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi l-esponenti taccetta bhala korretti l-fatti premessi fir-rikors promotur tar-rikorrent, fis-sens illi l-konjugi ilhom 'l fuq minn erba' snin ighixu separate minn xulxin, li ma hemmx kwistjonijiet bejniethom dwar hlas ta' manteniment u li ukoll ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.
2. Illi l-esponenti ghalhekk ma hiex qiedgha topponi ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewg hailli z-zwieg taghhom jigi mahlul u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-disposizzjonjiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promoter tieghu b'dan pero' illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu ssapportati mill-istess rikorrent zewgha.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom sseparati legalment ghal aktar minn erba' snin, skond kuntratt ta' separazzjoni tal-20 ta' Jannar, 2005, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone.

Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta' u tiddeciedi din il-kawzabilli:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijietai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**